# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 88/2018 JVC**

**Emanuel Portelli u Rita Portelli**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi u b'digriet tal-15 ta' Novembru 2018 gie kjamat in kawza l-Avukat tal-Istat**

1. Illi dan huwa appell wara ilment intavolat mill-appellanti illi gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom sanciti permezz tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni. L-appellant Emanuel Portelli kien dahal f'konvenju datat 28 ta' Ottubru 1987 permezz ta' liema kien intrabat li jbiegh u jitrasferixxi erba' plots fi Triq il-Kbira, Mosta versu l-prezz ta' Lm7,000 ekwivalenti ghal €16,305.61 lil George Borg, Carmen Borg, John Emanuel Micallef u

Marianne Micallef. Jirrizulta illi bejn il-partijiet kien inqala' dizgwid rigward jekk kinitx avverat ruhha kondizzjoni illi kienet tippermetti lil Portelli li ma jidhirx fuq il-kuntratt finali ta' bejgh u ghalhekk kienet giet istitwita kawza mill-kompraturi kontra l-appellanti (Cit. nru. 1764/93) permezz ta' liema talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tordna l-iffirmar u publikazzjoni tal-kuntratt finali ta' bejgh. Din is-sentenza giet appellata, u eventwalment gew prezentati wkoll proceduri ta' ritrattazzjoni, u l-iffirmar tal-kuntratt tal-bejgh gie ghall-ahhar darba ordnat permezz tas-sentenza datata 15 ta' Lulju 2010. Il-kuntratt ta' bejgh gie eventwalment ippubblikat fil-5 ta' Awissu 2010, u cioe` kwazi tlieta u ghoxrin (23) sena wara li sar il-konvenju, izda naturalment ghall-istess prezz li kien gie pattwit fil-konvenju. Ghall-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt kienu dehru l-kuraturi appuntati mill-Qorti minflok l-appellanti illi baqghu kontumaci. Sussegwentement ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh, il-Kummissarju tat-Taxxa hareg kont permezz ta' liema ordna lill-appellanti sabiex ihallsu s-somma ta' €31,080 rapprezentanti taxxa addizzjonali, peress illi kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-valur dikjarat fuq il-kuntratt u l-valur tal-proprjeta` fuq is-suq. L-appellanti intavolaw appell kontra din id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, li pero` ikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa permezz ta' sentenza datata 22 ta' Jannar 2015. L-appellanti appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) izda dan l-appell kien gie dikjarat dezert wara li huma baqghu ma dehrux ghas-smigh peress illi kienu bidlu l-indirizz tar-

residenza taghhom minghajr ma informaw lir-Registru tal-Qorti jew lill-avukat taghhom u ghalhekk, ma setghux jigu nnotifikati bl-appuntament tal-appell, u dan ukoll minkejja l-fatt li l-avukat taghhom kien gie notifkat u kien deher quddiem il-Qorti numru ta' drabi. Sussegwentement l-appellanti ntavolaw dawn il-proceduri fejn qeghdin jilmentaw illi l-imposizzjoni ta' din it-taxxa addizzjonali hija leziva tad-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif sanciti permezz tal-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni.

2. Illi f'dawn il-proceduri huma talbu lil Ewwel Qorti sabiex:

> "(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti bl-Art 1 Prot 1, Art 6 u Art 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja
> "(ii) Taghti rimedju xieraq u effettiv kompriz pero m'hux limitat ghat-thassir tat-talbiet tal-intimat kontra l-esponenti kif wkoll, jekk ikun il-kaz ta' kull decizjoni relattiva ghal istess, kif wkoll tikkundanna li l-intimat jigi kundannat jhallas kumpens rappresentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti li jigi hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.
> Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

3. Illi l-appellati ressqu eccezzjonijiet preliminari kontra l-pretensjonijiet tal-appellanti, u eċċepew *inter alia* l-intempestivita` ta' dawn il-proceduri stante li l-appellanti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni taghhom u wkoll illi l-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tal-appell tat-tielet grad, liema eccezzjonijiet gew milqugha mill-Ewwel Qorti;

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-8 ta' Lulju 2020 gie deciz hekk:

> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u l-kjamat fil-kawza sakemm dawn huma kompatibbli ma' dawk hawn fuq deciz tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali odjern.
>
> "Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

5. Illi Emanuel Portelli u Rita Portelli appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' rikors datat 27 ta' Lulju 2020, u talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' it-talbiet taghhom filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-appellati, bl-ispejjez kontra l-appellati;

6. Illi l-Avukat tal-Istatipprezenta r-risposta tal-appell tieghu fit-3 ta' Awwissu 2020 u ssottometta illi dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

7. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi pprezenta r-risposta tal-appell tieghu fid-19 ta' Awwissu 2020 u ssottometta illi s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

***Is-Sentenza Appellata***

8. Illi l-Ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet preliminari tal-appellanti msemmija fil-paragrafu 3 ta’ din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “**Eccezzjoni Preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi – Azzjoni hija wahda intempestiva maghquda mar-Raba’ eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat – Nuqqas ta’ ezawriment tar-rimedju ordinarju u l-Hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat – Il-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-Tielet Grad ta’ Appell:**
>
> “Illi din il-Qorti sejra titratta dawn it-tlett (3) eccezzjonijiet flimkien u dana stante li t-tlieta huma konnessi u relatati ma’ xulxin u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghal ekonomija tal-gudizzju ghandhom jigu trattati konguntivament.
>
> “Illi permezz ta’ l-eccezzjoni preliminari, l-intimat Kummissarju tat-Taxxi jeccepixxi li l-azzjoni hija wahda ntempestiva stante li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghalihom, senjatament l-appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva moghtija fit-22 ta’ Jannar, 2015 Rikors numru: 21/2012 fl-ismijiet Emanuel Portelli et -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni billi minkejja li appellaw mid-decizjoni huma abbandunaw il-procedura b’tali mod li l-appell mar dezert fid-19 ta’ Dicembru, 2017 (ara provvediment moghti mill-Qorti ta’ l-Appell a fol. 41 u fol. 42 tal-process).
>
> “Illi min-naha tal-intimat Avukat tal-Istat fir-raba’ eccezzjoni tieghu eccepixxa wkoll nuqqas ta’ ezawriment tar-rimedju ordinarju meta l-atturi konjugi Portelli abbandunaw l-appell taghhom mis-sentenza datata 22 ta’ Jannar, 2015 tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva. Filwaqt li fil-hames eccezzjoni tieghu eccepixxa li l-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad ta’ appell. F’dan ir-rigward huwa kkwota estensivament mid-decizjoni fl-ismijiet Raymond Zammit -vs Avukat Generali deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta’ Marzu, 2013 (recte 2014).
>
> “Illi ghalkemm ir-rikors huwa wiehed intavolat fil-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), u t-talbiet imressqa huma sabiex jigi ddikjarat vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi konjugi Portelli kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikoli 6 u 7 talKonvenzjoni Ewropea, minn titwila lejn it-talbiet u l-premessi, jirrizulta bic-car li l-atturi konjugi Portelli m’attakkawx il-Ligi, partikolarment l-artikoli relattivi hekk kif kontenuti fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta’ Malta). Minn ezami, anke

superficjali, jirrizulta li l-atturi konjugi Portelli bil-kawza odjerna qed jattakkaw id-decizjoni talKummissarju tat-Taxxi li npona taxxa addizzjonali fl-ammont ta’ €31,080 liema taxxa addizzjonali tammonta ghal kwazi d-doppju tal-prezz tal-plots kif mibjuha permezz ta’ kuntratt datat 5 ta’ Awwissu, 2010 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge. Dan jirrizulta mill-paragrafu 13 tal-premessi, fejn l-atturi konjugi Portelli sostnew illi huma ‘... jtennu illi l-impozizzjoni tal-imsemmija multa tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif sanciti fl-Artikolu 1, Protokoll 1, Artikolu 6 u Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar dDrittijiet Fondamentali.’ Dan jirrizulta wkoll minn nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi ntavolata fir-registru nhar il-5 ta’ Mejju, 2020 fejn fil-punt 28 iddikjaraw ukoll illi l-kawza ‘...tikkoncerna ddecizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li sussegwentament ghal imsemmi kuntratt, jimponi u jezigi hlas ta’ taxxi addizjonali u multi.’

“Illi mid-deposizzjoni tal-attur Emanuel Portelli moghtija bilprocedura tal-affidavit a fol. 79 et seq tal-process, din il-Qorti tinnota li huma ftit, jekk mhux xejn, l-accenni li saru ghall-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. Frankament, din il-Qorti thoss li l-attur meta gie biex jaghti d-deposizzjoni tieghu ma avvanza l-ebda argument siewi fir-rigward l-allegat ksur taddrittijiet fondamenti tieghu, pjuttost id-deposizzjoni kienet riepilogu tal-fatti kif graw, deposizzjoni li kienet aktar tixraq quddiem Tribunal jew Qorti diversa minn dik odjerna li qieghda fis-sede Kostituzzjonali. Din il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt fejn huwa evidenti li l-atturi konjugi Portelli qeghdin jittentaw jinvertu l-kompetenza ta’ din il-Qorti ghal wahda tat-tielet grad ta’ Appell sabiex jirrevedu l-mertu tal-kawza gja deciza mit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva permezz ta’ decizjoni tat-22 ta’ Jannar, 2015. Din il-Qorti taqbel ma dak iddikjarat mill-Avukat talIstat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar l-4 ta’ Mejju, 2020 fir-rigward li l-Qorti odjerna ma tistax isservi bhala Qorti ta’ l-Appell. Dan premess, referenza ssir ghad-decizjoni flismijiet **Charmaine Farrugia et -vs- Il-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta’ Socjali et** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar it-8 ta’ Awwissu, 2013 fejn firrigward inghad is-segwenti:

‘Din il-Qorti tibda biex tirribadixxi li bhala Qorti b’kompetenza kostituzzjonali/konvenzjonali ma tistax isservi bhala qorti tat-tielet grad, ossia bhala qorti tal-appell, minn decizjoni li maghha r-rikorrent ma jaqbilx. mhix kompetenza ta’ din il-Qorti tirrevedi l-meritu tal-kaz u ddiskrezzjoni tal-Qorti, izda li trid tara huwa jekk lirrikorrenti nghatawx smigh xieraq u li l-Qorti aditta kkunsidrat l-interess tal-minuri u tal-familja fil-kaz. L-ordni in kwistjoni giet debitament mistharrga mill-qorti kompetenti, u r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jkollhom stharrig tal-kaz sakemm ikun hemm tribunal li fl-ahhar jiddeciedi favur taghhom. Ma jezistix, fil-kamp civili, dritt ta’ appell bhala dritt fundamentali tal-bniedem u sakemm dak li jkun ikollu cans wiehed li jitlob rimedju ghal-lanjanzi tieghu quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, ma hemmx lok ta’ stharrig

ulterjuri, diment li l-process quddiem il-Qorti jkun wiehed gust. F'dan il-kaz, il-Qorti kompetenti kienet zgur imparzjali u indipendenti, u dak li jrid jigi mistharreg hu jekk il-process, fit-totalita' tieghu, kienx wiehed gust u jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, gewx mehuda in konsiderazzjoni l-aspetti marbuta mal-protezzjoni tal-familja.'

"Illi ghalkemm it-talbiet tar-rikors odjern jadducu li r-rikors huwa wiehed kostituzzjonali, kif impostata l-kawza u l-provi prodotti, huwa evidenti li r-rikors mhu xejn ghajr ghal appell forma ta' rikors kostituzzjonali mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u l-Qorti tazzarda tghid ukoll Appell ulterjuri mid-decizjonijiet fil-mertu dwar il-vertenza li ordnat il-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni u dan in vista tal-insistenza, anki f'dan irrikors da parti, tar-rikorrenti li la darba huma ma dehrux ghallkuntratt izda deher kuratur ghan-nom taghhom allura skonthom aktar u aktar huma ma jistghu jitqiesu li ghamlu xejn kontra l-ligi. Il-Qorti rat mill-atti kemm dawk odjerni izda partikolarment dawk annessi li r-rikorrenti tul id-diversi proceduri hadu attitudni li jinjoraw il-proceduri, ma jattendux il-Qorti u wkoll ma jidhrux ghall-kuntratt ordnat mill-Qorti daqs li kieku jekk huma jzommu l-boghod l-effetti legali tal-istess ma jistghux imissu lilhom!

"Illi din il-Qorti lanqas taqbel ma dak iddikjarat mill-atturi konjugi Portelli fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 195 et seq tal-process fejn inghad illi:

'Illi pero' minn dak pprovdut f'Kapitolu 364, jirrizulta car, illi l-appell mis-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva probabilment ma kienx ser iwassal ghal decizjoni favorevoli fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk lappell ma kienx ser jipprovdi rimedju effettiv u effikaci filkonfront tal-esponenti.'

"Minn dak appena citat, jirrizulta aktar bic-car li l-atturi m'humiex jikkontestaw l-kostituzzjonalita' tal-artikoli tal-Kapitolu 364 u frankament dak li qed jittentaw bil-proceduri odjerni huwa li jiehdu mill-foro Kostituzzjonali dak li ma nghatax mit-Tribunal. Kif tajjeb gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet Ryan Briffa -vsAvukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-20 ta' Marzu, 2014 illi:

'Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.'

"Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intempestivita' stante li l-atturi konjugi Portelli kellhom il-possibilita' ta' appell u ma segwewhx u ghal dan in-nuqqas regghu ttentaw jressqu t-talba taghhom taht forma ta' rikors kostituzzjonali. Dan johrog ferm aktar car minn nota ta' sottomissjonijiet tal-istess atturi fejn bhala rimedju qed jitolbu l-hlas lura tal-ispejjez li ghamlu sabiex jikkontestaw it-taxxa addizzjonali/multa mposta, r-revoka tal-istess taxxa

addizzjonali/multa u r-revoka tal-effetti tas-sentenzja tat-Tribunal li kkonfermat l-istess imposizzjoni tal-istess.

“Illi din il-Qorti, dato ma non concesso, possibilment setghet tasal ghall-konkluzjonijiet diversi li kieku permezz tar-rikors kostituzzjonali taghhom ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tiddikjara bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Kummissarju ntimat impona t-taxxa addizzjonali in kwistjoni u se mai in-nuqqas ta’ diksrezzjoni tieghu li jelimina ghal kollox l-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali/multa mposta f’cirkostanzi bhal dawk odjerni fejn ir-rikorrenti gew ordnati jersqu ghall-kuntratt ta’ bejgh permezz ta’ decizjoni tal-Qorti.

“Pero’ dan ir-rikorrenti mkien ma talbuh tant li fir-rikors kostituzzjonali promotorju odjern lanqas biss issemma l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Kummissarju ntimat mpona t-taxxa addizjonali/multa kontestata.

“Illi din il-Qorti wkoll ma tistax tinjora li bhala bazi tar-rikors kostituzzjonali odjern ntuzat bhala premessa l-pretensjoni tarrikorrenti li jsostnu li l-multa/taxxa addizzjonali fis-somma ta’ wiehed u tletin elf u tmenin Euro (€31,080) hija eccessiva billi hija izjed mir-rikavat mill-bejgh tal-proprejta’. Dan il-Qorti qed tenfassizah stante li rrizulta mill-atti li l-atturi rikorrenti inghataw l-opportunita’ (qabel ma l-kontestazzjoni sahansitra waslet quddiem il-Qrati u cioe’ t-Tribunal) li jhallsu penali ferm ridotta fis-somma ta’ tlett elef, mija u tmien Euro (€3,108) (ara dokument a fol. 125 tal-process) u tinnota partkolarment li dan ma ssemma mkien fil-premessi tar-rikors kostituzzjonali odjern. Huwa ghalhekk ferm diskutibbli jekk l-imposizzjoni ta’ multa/taxxa addizzjonali f’dan l-ammont hekk ridott tistax titqies minn Qorti Kostituzzjoni bhala mhux proporzjonata u ghalhekk li tissodisfa lelement ta’ proporzjonalita’ nvokat mir-rikorrenti. Jirrizulta millatti li kienu r-rikorrenti li naqsu milli jhallsu din il-multa/taxxa addizzjonali kif ferm ridotta u kien biss konsegwenza tan-nuqqas ta’ qbil da parti taghhom li jhallsu l-ammont hekk li rizultat ta’ hekk effettivament din il-multa ridotta spiccat telghet ghas-somma kontestata fil-kaz odjern ta’ oltre wiehed u tletin elf ewro (€31,000). Il-Qorti tqis li ta’ dan jistghu jahtu biss ir-rikorrenti u ebda parti ohra fil-proceduri u li ma hemm xejn mill-aspett kostituzzjonali li jisthoqq li jigi mistharreg.

“Il-Qorti taghmel referenza wkoll f’dan l-istadju ghax-xiehda ta’ Josette Galdes rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi li dwar dan il-punt xehdet kif isegwi a fol. 128:

‘Ghax l-ammont mitlub mid-Dipartiment huwa additional duty, mhux duty. Allura hija fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju li jilhaq ftehim li seta’ inaqqasha. U kien hemm abbozz ta’ ftehim mas-Sur Portelli illi din il-multa jew additional duty tigi imnaqqsa ghal 10 %. U fil-fatt hawnhekk ghandi l-abbozz ta’ dan il-ftehim, pero’ ssur Portelli ma kienx qabel mieghu, qatt ma ffirmah.’

> "Illi in vista li t-talbiet tar-rikorrenti kif aktar spjegati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom stess fir-rikors odjern huma li din ilQorti tiprovdi kumpens ghall-ispejjez nkorsi sabiex tigi attakkata l-multa/taxxa addizzjonali mposta u wkoll it-talba ghar-revoka tal-istess multa/taxxa addizzjonali kif imposta mill-Kummissarju intimat u konfermata mit-Tribunal, din il-Qorti ma jibqghalha lebda dubju li dak li qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti permezz tar-rikors odjern huwa appuntu appell ulterjuri mill-istess decizjonijiet u dan stante li fil-fora tat-Tribunal u l-Appell (li waqa dezert konsegwenza tal-agir tal-istess rikorrenti – ara d-digriet a datat 19 ta' Dicembru, 2017 fl-atti tal-appell 21/12 anness) dawn ir-rimedji setghu legalment jinghataw li kieku r-rikorrenti pprosegwew bl-appell flok hallewh jaqa' dezert u li kieku l-appell taghhom possibilmet gie milqugh.
>
> "Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' intempestivita' stante li jirrizulta li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji li lligi kienet tipprovdilhom u wkoll tilqa' l-hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li fid-dawl ta' dak kollu suespost l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad ta' appell."

***L-Aggravji tal-Appellanti***

**L-Ewwel Aggravju**

9. Illi permezz tal-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jilmentaw kontra l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi ma ezawrewx kull rimedju ordinarju li kellhom a disposizzjoni taghhom. Huma jsostnu illi l-appell intavolat minnhom mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien mar dezert minhabba ragunijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom, u dan ghaliex ma kinux gew notifikati bl-appuntament tal-appell, ma kinux jafu bis-seduta ghas-smigh tieghu u ghalhekk kien gie differit *sine die* u eventwalment dikjarat dezert. Skont huma dan il-fatt wahdu juri illi huma ma kellhomx smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell.

10. Jargumentaw ukoll illi l-appellati naqsu milli jipprovaw illi l-appell mis-sentenza tat-Tribunal Ghal Revizjoni Amministrattiva kien jammonta ghal rimedju effettiv u effikaci stante illi huwa l-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta nnifsu illi jipprovdi li t-taxxa imponibbli ghandha tigi kkalkulata a bazi tal-valur tal-imobbli fil-mument tal-bejgh u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti tal-Appell tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Revizjoni Amministrattiva li kien strettament marbut b'dak li tiddisponi l-ligi. Jargumentaw ukoll illi fi kwalunkwe kaz skont il-gurisprudenza l-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandhom diskrezzjoni wiesgha sabiex jiddeciedu jekk ghandhomx jilqghu l-eccezzjoni li r-rikorrenti ma jkunux ezawrew ir-rimedji ordinarji u li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda fejn il-Qorti tiddeciedi illi ghandha tipprocedi bis-smigh tal-kaz jekk ikun fl-interess tal-gustizzja u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni kkoncernati.

11. L-Avukat Generali irribatta illi f'din il-kawza l-appellanti m'humiex qed jattakkaw il-ligi nnifisha u li fil-fatt m'hemmx talba sabiex il-ligi tigi ddikjarata anti-kostituzzjonali, izda qed jattakkaw biss id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li jimponi taxxa addizzjonali ta' €31,080, kif jinsab konfermat fil-paragrafu 28 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u kif innotat mill-Ewwel Qorti. Jghid illi ghalhekk l-eccezzjoni illi l-appellanti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji ghandha titqies fid-dawl ta' dan il-fatt u li peress illi l-appellanti kienu abbandunaw l-appell taghhom mis-

sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva l-aggravju tal-appellanti ghandu jigi michud ukoll ikkonsidrat illi sabiex rimedju jkun jitqies effikaci u effettiv mhux bilfors illi jkun jaghti success garantit.

12. Il-Kummissarju tat-Taxxi argumenta illi m'huwiex minnu li l-appell li l-appellanti kienu intavolaw quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mar dezert intortament ghaliex kien fl-interess taghhom li jsegwu l-andament tal-kaz u li di piu` ma ressqu l-ebda raguni valida sostnuta bil-provi biex juru x'kien effettivament gara u ghaliex naqas l-interess min-naha taghhom li jigi segwit l-appell. Isostnu wkoll illi huwa fallaci l-argument tal-appellanti illi kellhom ikunu l-appellati li jressqu prova li kellhom rimedju ordinarju effettiv u accessibli, u illi appell huwa dejjem rimedju ordinarju u accessibli ghal kulhadd.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

13. Illi dan l-aggravju tal-appellanti huwa effettivament imsejjes fuq zewg argumenti, u cioe` (1) illi huma ma kellhomx smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghaliex dan l-appell kien gie dikjarat dezert meta huma kienu ghadhom ma gewx notifikati bl-appuntament tieghu u (2) illi fi kwalunkwe kaz dan l-appell ma jistax jitqies bhala rimedju effettiv ghaliex huwa l-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi ghall-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali b'mod tassattiv u ghaldaqstant ma

kien hemm l-ebda possibilita` li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

14. Illi l-Qorti tosserva pero` illi r-rikors promotur tal-appellanti jaghmilha cara illi l-ilment taghhom ma jirrigwardax il-kostituzzjonalita` ta' xi disposizzjoni tal-ligi, tant illi fir-rikors promotur taghhom ma jaghmlu l-ebda referenza ghal xi disposizzjoni tal-ligi partikolari li skont huma hija leziva tad-drittijiet fondamentali taghhom kif ilmentat minnhom. L-ilment tal-appellanti jirrigwarda proprju d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-imposizzjoni tal-multa ta' €31,080 bhala taxxa addizzjonali, kif jidher b'mod partikolari mill-paragrafu numru 16 tar-rikors promotur taghhom li jaqra hekk:

> "Huma qed jilmentaw wkoll dwar il-fatt illi huma gew penalizzati b'imposizzjoni ta' multa penali fil-forma ta' taxxa adizzjonali intortament specjalment fid-dawl tal-fatt illi kuraturi deputati ffirmaw il-kuntratt f'isem kemm Emmanuel Portell kif wkoll f'isem Rita Portelli u dan fuq ordni tal-Qorti u fil-fatt ma kellhom ebda ghazla fl-affari – riedu jew ma riedux, il-bejgh kien ordnat mill-Qorti li ordnat wkoll li dan jsir bil-prezz indikat fil-wieghda ta' konvenju tal-1987. Umilment jissottomettu illi m'ghandhomx jigu ppenalizzati minn organi diffeenti tal-Istat talli sar bejgh ghal dak il-prezz! Dan japplika kemm fil-konfront ta' Emmanuel Portelli u *multo magis* fil-konfront ta' Rita Portelli."

15. Illi anke n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnhom quddiem l-Ewwel Qorti turi bic-car illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanti bbazaw l-ilment taghhom fuq id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li jimponi t-taxxa addizzjonali msemmija, u mhux fuq xi disposizzjoni ta' ligi li skont huma hija leziva tad-drittijiet taghhom. Hekk per ezempju fil-paragrafu 44 tan-nota taghhom jargumenaw "Illi la l-Kummissarju u lanqas it-Tribunal

ma hadu konjizzjoni tal-fatt illi f'dan il-kaz ma kien hemm ebda dikjarazzjoni falza ghal dak li jirrigwarda l-valur…" Illi mbaghad, fis-sottomissjonijiet taghhom dwar ir-rimedju xieraq huma ma ressqu l-ebda pretensjoni li l-artikoli relattivi tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jmorru kontra d-dettami tal-Konvenzjoni, izda minflok talbu, apparti danni pekunarji u morali, illi l-ordni tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema giet imposta t-taxxa addizzjoni ta' €31,080 tigi revokata.

16. Illi l-Qorti tqis ghalhekk illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset illi l-appellanti kellhom rimedju ordinarju xieraq ghal-lanjanza taghhom. Ir-revoka tat-taxxa addizzjonali mposta mill-Kummissarju tat-Taxxa hija entro l-poteri tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u/jew il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) skont il-kaz. Ghalkemm f'dan l-appell l-appellanti qeghdin isostnu illi hija l-ligi nnifisha li kienet tipprekludihom milli jkollhom rimedju effettiv ghaliex it-taxxa addizzjonali giet imposta proprju ai termini tal-ligi, il-fatt jibqa' illi l-ilment taghhom ma kienx imsejjes fuq il-ligi nnifisha izda fuq id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u l-appellanti ma jistghux jippretendu illi jbiddlu l-binarji ta' din il-kawza issa fi stadju ta' appell. Dan partikolarment meta huwa risaput illi Qorti ta' revizjoni ma tistax tezamina l-mertu ta' kwistjoni *noviter deductus* f'rikors tal-appell.[1] Kif inghad fis-

[1] Ara per ezempju: **Carmel Galea v. Albert Mizzi** (Appell Civili, 23/04/2001); **Raymond Borg v. HallMann Ltd** (Appell Civili, 21/10/2003); **David Chetcuti v. Richard Kandler** (Appell Civili, 15/11/2006); **Adrian Busietta pro et noe v. Philip Gatt** (Appell Civili, 30/05/2008); **Michael George Done v. Rimus Riley Limited** (Appell Civili, 27/02/2009).

sentenza fl-ismijiet **Yvonne Pullicino v. Edgar Mifsud** (Appell Civili, 12/11/2003):

> "Ma jidhirx li f'din is-sede huwa lecitu li l-appellanti jqanqlu materja ta' din ix-xorta, kemm ghax dan ikun qed jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio ezami kemm ghaliex bhala regola generali l-appell huwa revizjoni tal-process tal-ewwel istanza, u l-kawza ma ghandiex issir mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Appell."

17. Illi l-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-argument tal-appellant illi huma gew mcahhda minn smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell ghaliex l-appell kien gie dikjarat dezert meta huma kienu ghadhom ma gewx notifikati b'dan l-appell. Il-Qorti tinnota illi l-appellanti ma ressqu l-ebda ilment ta' ksur ta' smigh xieraq fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni tal-appell numru 21/2012AE, la f'dawn il-proceduri u lanqas permezz ta' proceduri separati, u ghalhekk ma jistghux jilmentaw f'dan l-istadju illi ma kellhomx rimedju xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell ghaliex il-proceduri kienu lezivi tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq.

18. Illi ghalhekk, mifhum illi l-lanjanza tal-appellanti hija dwar id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa li jimponi t-taxxa addizzjonali msemmija, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-appellanti kellhom rimedju xieraq ghal-lanjanza taghhom u illi huma naqsu minghajr raguni valida milli jaghmlu uzu minnu. Huwa minnu illi l-appellanti ma kinux gew notifikati personalment bl-avviz tas-smigh tal-appell taghhom, izda jirrizulta ampjament illi l-avukat taghhom kien jaf b'dan l-appell u kien filfatt deher quddiem il-Qorti aktar minn darba, izda l-appellanti ma kienux

hadu hsieb illi jinnotifikaw lir-Registru tal-Qorti, jew imqar lill-avukat taghhom, bil-bidla fl-indirizz taghhom, minkejja l-fatt illi dan kien fl-interess u obbligu taghhom sabiex jaghmluha possibli li jigu nnotifikati bis-smigh tal-appell. Il-Qorti tfakkar illi huwa d-dmir tal-partijiet f'kawza illi jiehdu hsieb iharsu l-interessi taghhom fil-kawza u jekk huma ghazlu illi ma jinformaw lil hadd dwar il-bidla fl-indirizz taghhom, *imputet sibi,* ghaliex zgur illi ma jistghux jippretendu illi l-appell kellu jibqa' pendenti indefinittivament. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia** (QEDB, 05/04/2018):

> "…*procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157)*."

19. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi dan m'huwiex kaz fejn huwa ragjonevoli illi din il-Qorti taghzel illi tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tiddetermina din il-vertenza minkejja n-nuqqas tal-appellanti illi jaghmlu uzu mir-rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom. Dan specjalment ikkonsidrat illi ghalkemm l-appellanti jsostnu illi huma kienu naqsu milli jsegwu l-andament tal-appell ghaliex Emmanuel Portelli dak iz-zmien kien marid serjament, ma ressqu l-ebda prova dwar dan, u mill-provi jirrizulta biss illi huwa kien gie rikoverat l-isptar ghal gurnata wahda ghaliex sofra ksur fl-ghadam, u sussegwentement ghal jumejn minhabba operazzjoni ghal *hernia*, li zgur ma jiggustifikax in-nuqqas taghhom illi mqar jinformaw lill-avukat taghhom bil-bdil fl-indirizz taghhom u bis-

sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha sabiex din titpogga a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell jekk ikun hemm bzonn.

20. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi dan l-aggravju tal-appellanti huwa nfondat u qed jigi michud. Galadarba qed tigi kkonfermata d-decizjoni tal-Ewwel Qorti illi l-appellanti naqsu milli jaghmlu uzu mir-rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom, il-Qorti tqis illi m'hemmx lok li jigu determinati l-bqija tal-aggravji tal-appellanti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr